**132. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## TRASFERIMENT B'SUB-ENFITEWSI TEMPORANJA TA' NAVARRINO FLATS, TAS-SLIEMA, LIL HOLIDAY SERVICES COMPANY LIMITED

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biħsiebu jittrasferixxi b'titolu ta' sub-enfitewsi temporanja għaż-żmien li fadal mill-konċessjoni sub-enfitewtika oriġinali ta' 45 sena dekoribbli mill-21 ta' Ġunju, 1957, lill-Kumpanija Holiday Services Company Limited il-korp ta' bini f'Tas-Sliema magħruf bħala Navarrino Flats, deskritta aħjar fl-Abbozz ta' Kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, versu s-sub ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' artijiet tal-Gvern li art li tkun propjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-hin tat-trasferiment"

U billi huwa xieraq li t-trasferinent fuq imsemi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-imsemmija Subutili Dominju temporanju tal-korp ta' bini f'Tas-Sliema, magħruf bħala Navarrino Flats, jista' jiġi trasferit lill-imsemmija kumpanija, Holiday Services Company Limited, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fil-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

30.01.1978